REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/405

tas-16 ta' Marzu 2020

li jispeċifika l-arranġamenti għar-rapporti tal-kwalità li jridu jiġu trażmessi skont ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u l-kontenut tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2018/1091 jirrikjedi li l-Istati Membri jittrażmettu rapporti tal-kwalità li jiddeskrivu l-proċess statistiku lill-Kummissjoni għal kull sena ta' referenza, u jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għal dawk ir-rapporti u l-kontenut tagħhom.

(2) Hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat rappurtar ta' kwalità komuni għall-iskambju ta' *data* u ta' metadata relatati mal-kwalità.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità li l-Istati Membri jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-Regolament (UE) 2018/1091 u l-kontenut tagħhom.

Artikolu 2

Ir-rapporti tal-kwalità msemmijin fl-Artikolu 1 għandu jkun fihom informazzjoni dwar il-kriterji tal-kwalità u l-kunċetti statistiċi kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Għandhom jirreferu wkoll għall-każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk il-kriterji tal-kwalità.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Rapporti tal-kwalità — kriterji tal-kwalità u kunċetti statistiċi

(a) ***Ir-rapporti tal-kwalità jrid ikun fihom informazzjoni dwar il-kriterji kollha tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif ġej:***

1. RILEVANZA

   (a) deskrizzjoni tal-utenti, il-ħtiġijiet rispettivi tagħhom u ġustifikazzjoni ta' dawk il-ħtiġijiet;

   (b) il-proċeduri użati għall-kejl tas-sodisfazzjon tal-utenti u għall-produzzjoni tar-riżultati statistiċi;

   (c) kemm hija disponibbli l-istatistika meħtieġa.

2. AKKURATEZZA

   (a) valutazzjoni tal-akkuratezza li tiġbor fil-qosor il-komponenti varji tas-sett tad-*data*;

   (b) deskrizzjoni tal-erruri tal-kampjunar;

   (c) deskrizzjoni ta' erruri oħrajn.

3. TEMPESTIVITÀ U PUNTWALITÀ

   (a) l-intervall ta' żmien bejn l-event jew il-fenomenu li jkunu qed jiddeskrivu u d-disponibbiltà tad-*data* (it-tempestività);

   (b) l-intervall ta' żmien bejn id-data mmirata tat-trażmissjoni tad-*data* u d-data reali tat-trażmissjoni (il-puntwalità).

4. AĊĊESSIBBILTÀ U ĊAREZZA

   (a) il-kundizzjonijiet u l-mezzi li bihom l-utenti jistgħu jiksbu u jużaw id-*data*, eż. stqarrijiet tal-aħbarijiet, pubblikazzjonijiet, bażijiet ta' *data* online jew aċċess għall-mikrodata;

   (b) il-kundizzjonijiet u l-mezzi li bihom l-utenti jistgħu jinterpretaw id-*data*, eż. dokumentazzjoni dwar il-metodoloġija u l-immaniġġjar tal-kwalità.

5. KOMPARABBILTÀ

   (a) l-estent ta' kemm l-istatistika hija komparabbli bejn iż-żoni ġeografiċi;

   (b) l-estent ta' kemm l-istatistika hija komparabbli tul iż-żmien.

6. KOERENZA

   (a) l-estent ta' kemm l-istatistika hija rikonċiljabbli mad-*data* minn sorsi oħrajn (koerenza trasversali bejn id-dominji);

   (b) l-estent ta' kemm l-istatistika hija konsistenti fi ħdan sett ta' *data* partikolari (koerenza interna).

(b) ***L-Istati Membri jridu jirrapportaw ukoll dwar:***

1. MANNIĠĠJAR TAL-KWALITÀ

   (a) is-sistemi u l-oqfsa fis-seħħ għall-immaniġġjar tal-kwalità tal-prodotti u l-proċessi statistiċi;

   (b) il-valutazzjoni tagħhom tal-kwalità tad-*data*.

2. REVIŻJONI TAD-*DATA*

   (a) il-politika tar-reviżjoni u, fejn applikabbli, għaliex id-*data* ivvalidata tkun ġiet riveduta, eż. sorsi tad-*data* ġodda, metodi ġodda jew informazzjoni rilevanti oħra;

   (b) id-dati, id-daqs u l-importanza tar-reviżjonijiet.

(c) ***F'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2018/1091, ir-rapporti tal-kwalità jridu jinkludu informazzjoni dwar il-proċess statistiku, b'mod partikolari l-metodoloġija u l-qafas tal-kampjunar li jkun intuża, kif ġej:***

1. PREŻENTAZZJONI STATISTIKA

L-aspetti li ġejjin tad-*data* disseminata, li jistgħu jintwerew fil-forma ta' tabelli, graffs jew mapep:

(a) deskrizzjoni tad-*data*;

(b) sistema tal-klassifikazzjoni;

(c) kopertura tas-setturi;

(d) kunċetti u definizzjonijiet statistiċi;

(e) unità statistika;

(f) popolazzjoni statistika;

(g) żona ta' referenza (ambitu ġeografiku);

(h) kopertura ta' żmien (it-tul ta' żmien meta d-*data* tkun disponibbli);

(i) perjodu ta' referenza (il-perjodu kopert mir-rapport);

(j) unità ta' kejl.

2. IPPROĊESSAR TAL-ISTATISTIKA

L-aspetti li ġejjin tal-operazzjonijiet kollha mwettqa fuq id-*data* biex tinkiseb informazzjoni ġdida:

(a) qafas tal-kampjunar;

(b) disinn tal-kampjunar (fejn rilevanti);

(c) *data* tas-sors;

(d) frekwenza tal-ġbir tad-*data*;

(e) mod tal-ġbir tad-*data* inkluż, fejn rilevanti, il-kwestjonarji (bl-Ingliż);

(f) validazzjoni tad-*data*;

(g) kompilazzjoni tad-*data*;

(h) aġġustament.

3. POLITIKA TAR-RILAXX

Ir-regoli għad-disseminazzjoni tad-*data* fil-livell nazzjonali.

4. IL-FREKWENZA TAD-DISSEMINAZZJONI

Il-frekwenza li biha tiġi disseminata d-*data* fil-livell nazzjonali.

(d) F'konformità mal-prinċipji tal-istatistika fil-punti (a), (e) u (f) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar:

1. IL-MANDAT ISTITUZZJONALI

(a) l-atti legali jew ftehimiet oħra li jassenjaw ir-responsabbiltà u l-awtorità għall-ġbir, l-ipproċessar u d-disseminazzjoni tal-istatistika;

(b) il-proċeduri għall-kondiviżjoni tad-*data* u l-koordinazzjoni bejn l-entitajiet li jipproduċu d-*data*.

2. IL-KUNFIDENZJALITÀ

(a) il-miżuri leġiżlattivi jew proċeduri formali oħra li jipprevjenu kwalunkwe divulgazzjoni mhux awtorizzata ta' *data* li tista' twassal direttament jew indirettament għall-identifikazzjoni ta' persuna jew entità ekonomika;

(b) ir-regoli li japplikaw għat-trattament tal-mikrodata u tad-*data* aggregata biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-istatistika u biex tiġi evitata d-divulgazzjoni mhux awtorizzata.

3. KOST U ONERU

(a) il-kost u l-oneru assoċjati mal-ġbir u l-produzzjoni tal-prodott statistiku;

(b) l-oneru fuq ir-rispondenti;

(c) id-durata medja tal-intervisti fl-azjendi agrikoli (fejn possibbli u rilevanti skont il-mod tal-ġbir tad-*data*).